



11.12.2013

B7-0557/2013 }  
B7-0558/2013 }  
B7-0559/2013 }  
B7-0567/2013 }  
B7-0568/2013 }  
B7-0569/2013 } RC1

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:

PPE (B7-0557/2013)  
ALDE (B7-0558/2013)  
Verts/ALE (B7-0559/2013)  
S&D (B7-0567/2013)  
ECR (B7-0568/2013)  
EFD (B7-0569/2013)

dwar l-eżitu tas-summit ta' Vilnjus u l-futur tas-Sħubija tal-Lvant, b'mod partikolari fir-rigward tal-Ukraina (2013/2983(RSP))

**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, Elmar Brok, Mairead McGuinness, Laima Liucija Andrikiienė, Elena Băsescu, Jerzy Buzek, Mariya Gabriel, Michael Gahler, Andrzej Grzyb, Gunnar Hökmark, Elisabeth Jeggle, Tunne Kelam, Eduard Kukan, Andrey Kovatchev, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Monica Luisa Macovei, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Nadezhda Neynsky, Ria Oomen-Ruijten,**

RC\1013108MT.doc

PE525.616v01-00 }  
PE525.617v01-00 }  
PE525.618v01-00 }  
PE525.626v01-00 }  
PE525.627v01-00 }  
PE525.628v01-00 } RC1

**Alojz Peterle, Andrej Plenković, Bernd Posselt, Cristian Dan Preda,  
Jacek Protasiewicz, György Schöpflin, Bogusław Sonik, Davor Ivo Stier,  
Inese Vaidere, Paweł Zalewski, Mário David**

fisem il-Grupp PPE

**Libor Rouček, Marek Siwiec, Boris Zala, Liisa Jaakonsaari**

fisem il-Grupp S&D

**Graham Watson, Guy Verhofstadt, Kristiina Ojuland, Leonidas Donskis,  
Jelko Kacin, Marielle de Sarnez, Nathalie Griesbeck, Marietje Schaake,  
Gerben-Jan Gerbrandy, Edward McMillan-Scott,**

**Johannes Cornelis van Baalen, Alexander Graf Lambsdorff, Stanimir Ilchev**

fisem il-Grupp ALDE

**Rebecca Harms, Werner Schulz, Indrek Tarand, Mark Demesmaeker**

fisem il-Grupp Verts/ALE

**Charles Tannock, Paweł Robert Kowal, Ryszard Antoni Legutko,**

**Ryszard Czarnecki, Valdemar Tomaševski, Tomasz Piotr Poręba**

fisem il-Grupp ECR

**Zbigniew Ziobro, Tadeusz Cymański**

fisem il-Grupp EFD

RC\1013108MT.doc

PE525.616v01-00 }

PE525.617v01-00 }

PE525.618v01-00 }

PE525.626v01-00 }

PE525.627v01-00 }

PE525.628v01-00 } RC1

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-eżitu tas-summit ta' Vilnjus u l-futur tas-Sħubija tal-Lvant, b'mod partikolari fir-rigward tal-Ukraina (2013/2983(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar 'Il-Politika Ewropea tal-Viċinat: ħidma favur sħubija aktar b'saħħitha. Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rapporti ta' progress 2012'<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2013 dwar 'Pressjoni mir-Russja fuq il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (fil-kuntest tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li jmiss f'Vilnjus)<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' Jannar 2005,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar fi Praga fid-29 ta' Novembru 2013,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet Konġunti tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant tat-30 ta' Settembru 2011 f'Varsavja u tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant tas-7 ta' Mejju 2009 fi Praga,
  - wara li kkunsidra s-sitwazzjoni fl-Ukraina, li qed teħżien u li żviluppat wara d-deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-Ukraina li ma jiffirmawx il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-Summit ta' Vilnjus tat-28 u d-29 ta' Novembru 2013, li kkawżat dimostrazzjonijiet popolari tal-massa b'appoġġ għall-għażla tal-Ukraina favur l-Ewropa fl-Euromaidan fi Kiev u fi bliet madwar l-Ukraina kollha kemm hi,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet konġunti mill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton, u l-Kummissarju għat-Tkabbir u l-Politika Ewropea tal-Viċinat, Štefan Füle, li kkundannaw l-użu eċċessiv tal-forza mill-pulizija ta' Kiev biex iferrxu d-dimostranti fit-30 ta' Novembru 2013,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, fis-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Vilnjus, l-Ukraina u l-parteciċipanti l-oħra kollha kkonfermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom favur il-prinċipji tad-dritt internazzjonali u l-valuri fundamentali, bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;
- B. billi, b'mod partikolari, id-deċiżjoni tal-Armenja li tirtira min-negożjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u d-deċiżjoni tal-aħħar minuta tal-Ukraina li tissospendi t-tnejjijiet għall-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ffrustraw l-isforzi li saru u mminaw il-ħidma ta' dawn l-aħħar ftit snin, li kellhom l-għan li japprofondixxu r-relazzjonijiet bilaterali u jsaħħu l-integrazzjoni Ewropea;

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2013)0446.

<sup>2</sup> Testi adottati, P7\_TA(2013)0383.

- C. billi d-deċiżjoni tal-Gvern tal-Ukraina li jissospendi l-proċess ta' thejġia għall-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluża Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA), qajmet skuntentizza u protesti tal-massa fil-pajjiż; billi, f'dan il-kuntest, il-forzi tas-sigurtà tal-Ukraina użaw forza brutali u inaċċettabbli kontra dimostranti paċifiċi, partiti tal-oppożizzjoni u l-midja;
- D. billi l-Ġeorġja u l-Moldova inizjalaw Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-UE, inklużi dispożizzjonijiet li jstabbilixxu DCFTAs, fis-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Vilnjus fid-29 ta' Novembru 2013;
- E. billi s-soluzzjoni waħdanija jeħtieġ li tkun waħda ta' sliem u nnegozjata mal-partijiet kollha;
1. Jilqa' l-inizjalur ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, inklużi DCFTAs, mal-Ġeorġja u mal-Moldova, li jstabbilixxu aġenda Ewropea ċara għal dawn iż-żewġ pajjiżi; jistenna bil-ħerqa li dawn il-ftehimiet jiġu ffirmati u implimentati mill-aktar fis; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet u tassisti lill-awtoritajiet rispettivi taż-żewġ pajjiżi b'tali mod li, fi ftit żmien, iċ-ċittadini tagħhom ikunu jistgħu jgawdu wħud mill-effetti u benefiċċji pożittivi tanġibbli koperti mill-ftehimiet;
  2. Jiddeplora d-deċiżjoni tal-Gvern tal-Ukraina, taħt it-tmexxija tal-President Yanukovich, li jirtira mill-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-UE matul is-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Vilnjus, minkejja r-rieda ċara min-naħa tal-UE li tkompli bil-proċess ta' assoċjazzjoni, dment li l-kundizzjonijiet ikunu sodisfatti; iqis li din id-deċiżjoni hija opportunità mitlufa maġġuri fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina, kif ukoll għall-aspirazzjonijiet tal-Ukraina; jirrikonoxxi l-aspirazzjonijiet tal-Ukraina, kif espressi fid-dimostrazzjonijiet fl-Euromaidan fi Kiev u fi bliet oħra madwar l-Ukraina kollha mis-soċjetà ċivili tal-Ukraina, li ma qagħditx lura milli tohroq beaħ fit-toroq id-diżapprovazzjoni tagħha tad-deċiżjoni tal-President Yanukovich, u jtenni fehmtu li approfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina u l-fatt li l-Ukraina ġiet offruta perspettiva Ewropea huma ta' sinifikat kbir u fl-interess taż-żewġ partijiet;
  3. Jiddeplora l-ġrajjet vjolenti tal-lejl tad-9 ta' Diċembru 2013, meta l-forzi tas-sigurtà attakkaw l-uffiċċji tal-partiti tal-oppożizzjoni u tal-midja indipendenti, u ffastidjaw lil min kien qed jipprotesta; iqis li dawn il-ġrajjet jistgħu jwasslu għal eskalazzjoni ulterjuri ta' sitwazzjoni li diġà hija mwiegħra;
  4. Ifakkar li diversi kanali ta' komunikazzjoni, inkluża l-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Parlament Ewropew immexxija mill-Presidenti Cox u Kwaśniewski, huma miftuħa bejn l-UE u l-Ukraina, u għalhekk itenni li l-prokkupazzjonijiet imqajma mill-awtoritajiet Ukraini biex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-aħħar minuta li jissospendu l-iffirmar messhom tqajmu qabel ħalli setgħu jiġu indirizzati;
  5. Itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għall-iffirmar, mill-aktar fis, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, dment li r-reqwiżiti rilevanti jkunu sodisfatti, kif definit mill-Kunsill Affarjiet Barranin tal-10 ta' Diċembru 2012 u sostnut mir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-13 ta' Diċembru 2012; jistieden lill-Kunsill Ewropew, għaldaqstant, biex fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2013,

RC\1013108MT.doc

PE525.616v01-00 }  
 PE525.617v01-00 }  
 PE525.618v01-00 }  
 PE525.626v01-00 }  
 PE525.627v01-00 }  
 PE525.628v01-00 } RC1

jibgħat sinjal politiku qawwi li l-UE għadha lesta tinvolti ruħha mal-Ukraina;

6. Jitlob li tiġi varata minnufih missjoni ta' medjazzjoni tal-UE, kompluta u fl-ogħla livell politiku, bil-għan li tasal għal u tassisti f'taħditiet bejn il-gvern u l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili, u li tiżgura eżitu paċifiku mill-kriżi attwali;
7. Jesprimi s-solidarjetà sħiħa tiegħu ma' dawk li qed jiddimostraw favur futur Ewropew; jitlob lill-awtoritajiet Ukraini jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet ċivili tal-poplu u l-libertà fundamentali ta' għaqda u ta' protesta paċifika; jikkundanna bil-qawwa l-użu tal-forza brutali kontra dimostrandti paċifiċi, u jenfasizza l-ħtieġa għal investigazzjoni immedjata, effikaċi u indipendenti, u li ssir prosekuzzjoni ta' min jinstab ħati; jitlob li d-dimostrandti paċifiċi li sfaw arrestati f'dawn l-aħħar jiem jinħelsu minnufih u inkondizzjonatament; jissottolinja l-obbligi internazzjonali tal-Ukraina f'dan ir-rigward; jenfasizza li huwa ċar li tali miżuri jmorru kontra l-prinċipji fundamentali tal-libertà ta' għaqda u ta' espressjoni, u għalhekk jiksru l-valuri universali u Ewropej; ifakkar li, fid-dawl tal-pożizzjoni tal-Ukraina bħala l-President fil-Kariga attwali tal-OSCE, ir-rekord tagħha dwar id-difiża u l-promozzjoni ta' dawn il-valuri qed jingħadda minn skrutinju saħansitra aktar strett;
8. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu għall-pressjoni politika u ekonomika inaċċettabbli, flimkien ma' theddidiet ta' sanzjonijiet kummerċjali, li r-Russja qed tagħmel fuq l-Ukraina; ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex lir-Russja jkellmuha b'leħen wieħed, u jitlob li l-UE, flimkien mal-Istati Membri tagħha, tiżviluppa u timplimenta politika ta' reazzjoni adegwata għal dawn l-għodod u miżuri li r-Russja qed tuża kontra s-sħab tal-Lvant; itenni li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni huwa materja strettament bilaterali bejn iż-żewġ partijiet, u jirrifjuta bil-qawwa kull proposta li tassoċja parti terza fil-proċess;
9. Jitlob li l-Kummissjoni tikkunsidra kontromiżuri possibbli li l-UE tista' tinvoka meta r-Russja tikser ir-regoli kummerċjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) għal finijiet politiċi immedjati bla prospettiva fit-tul; jissottolinja l-fatt li l-kredibbiltà u l-leġittimità politika tal-Unjoni jesigū li din tkun kapaċi tirreaġixxi u tirritalja meta hija stess jew il-pajjiżi sħabha ssirilhom pressjoni politika u ekonomika;
10. Ihegġegħ lill-awtoritajiet tal-Ukraina biex jissieħbu f'taħditiet mad-dimostrandti ħalli jevitaw eskalazzjoni tal-vjolenza u d-destabilizzazzjoni tal-pajjiż, u jhegġegħ lill-partiti politiċi kollha biex jiżguraw li jkun jista' jsir dibattitu parlamentari ordnat, kalm u riflessiv dwar is-sitwazzjoni ekonomika u politika u l-prospetti għal integrazzjoni futura mal-UE; ifakkar li, fi kwalunkwe demokrazija, elezzjonijiet ġodda jistgħu jissejħu meta jkun jeħtieġ tiġdid tal-leġittimità popolari;
11. Jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri tal-UE biex jimpenjaw ruħhom favur ftuħ wiesa' lejn is-soċjetà Ukraina, b'mod partikolari permezz ta' ftehim rapidu dwar reġim bla viża, kooperazzjoni msaħħa fir-riċerka, twessigħ tal-iskambji taż-żgħażaġh u aktar disponibbiltà ta' boroż ta' studju; iqis li għandhom isiru aktar sforzi biex l-Ukraina tiddaħħal għalkollox fis-suq intern tal-enerġija tal-UE;
12. Jissottolinja l-ħtieġa li l-UE tappoġġja l-involvement ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, bħall-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Ewropew għar-

RC\1013108MT.doc

PE525.616v01-00 }  
PE525.617v01-00 }  
PE525.618v01-00 }  
PE525.626v01-00 }  
PE525.627v01-00 }  
PE525.628v01-00 } RC1

**MT**

Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, bil-għan li jipprovdu assistenza finanzjarja ħalli l-Ukraina tkun tista' timplimenta riformi marbuta mal-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;

13. Jiddispjaċih għall-fatt li, wara aktar minn tliet snin ta' negozjati kkompletati b'suċċess dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluża DCFTA, l-awtoritajiet Armeni minflok iddeċidew li jissieħbu fl-Unjoni Doganali, wara pressjoni mir-Russja; ifakkar lill-awtoritajiet Armeni li l-protesti u d-dimostrazzjonijiet kontra din id-deċizzjoni huma espressjoni tar-rieda ħielsa taċ-ċittadini tal-pajjiż, u li jeħtiegħ li jkunu rrispettati skont l-impenni internazzjonali li daħlet għalihom l-Armenja; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-persekuzzjoni u d-detenzjonijiet huma ksur tad-drittijiet bażiċi ta' għaqda u ta' espressjoni, u li miżuri ripressivi jmorru kontra r-retorika reċenti ta' impenn favur il-valuri kondiviżi mal-UE; jitlob li l-Gvern tal-Armenja jimpenja ruħu fi djalogu inklużiv mas-soċjetà ċivili dwar id-direzzjoni futura tal-pajjiż;
14. Jilqa' l-iffirmar ta' ftehim ta' faċilitazzjoni tal-viża bejn l-UE u l-Ażerbajġan; huwa mħasseb dwar ir-ripressjoni ta' fehmiet dissidenti li seħħet fil-pajjiż wara l-elezzjonijiet presidenzjali ta' Ottubru 2013, kif muri minn detenzjonijiet u arresti ġodda ta' attivisti tal-oppożizzjoni, fastidju ta' NGOs indipendenti u tal-midja, kif ukoll sensji ta' kritiċi tal-gvern mill-impjeg tagħhom fuq il-bażi unika tal-attivitajiet politiċi tagħhom; ihegġegħ lill-parlament tal-Ażerbajġan biex iqis mill-ġdid id-deċizzjoni tiegħu li jissospendi l-parteċipazzjoni tiegħu fl-Assemblea Parlamentari Euronest, wara l-adozzjoni tar-risoluzzjoni tal-Parlament tat-23 ta' Ottubru 2013;
15. Jilqa' l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (KE) 539/2001 sabiex tippermetti li ċittadini tal-Moldova li jkollhom passaport bijomettriku jkunu jistgħu jivvjaġġaw bla viża fiż-żona ta' Schengen; jikkunsidra li din il-miżura importanti se tiffaċilita l-kuntatti bejn il-popli u tqarreb liċ-ċittadini tal-Moldova lejn l-UE;
16. Jilqa' l-iffirmar ta' ftehim qafas mal-Ġeorġja dwar il-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjonijiet tal-UE għall-immaniġġjar tal-kriżijiet, li jipprovdi bażi legali permanenti għall-involviment tal-Ġeorġja fl-isforzi tal-UE għall-immaniġġjar tal-kriżijiet madwar id-dinja, tal-lum u tal-ġejjieni;
17. Jemmen li l-eżitu u l-kuntest ġenerali tas-Summit ta' Vilnjus joħorġu fid-dieher il-ħtieġa li l-UE tfassal bir-reqqa politika aktar strateġika u flessibbli b'appoġġ għall- għażla Ewropea li għamli sħabha tal-Lvant, bl-użu tal-firxa sħiħa ta' għodod għad-dispożizzjoni tagħha, bħal assistenza makroekonomika, iffaċilitar ta' reġimi kummerċjali, proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-enerġija u l-modernizzazzjoni ekonomika, u implimentazzjoni rapida tal-liberalizzazzjoni tal-viża, bi qbil mal-valuri u l-interessi Ewropej;
18. Jappoġġja l-involviment ulterjuri tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tar-riforma nazzjonali; jinkoraġġixxi kooperazzjoni interparlamentari msaħħa mal-Assemblea Parlamentari Euronest; jitlob li missjoni tal-Parlament Ewropew tintbagħat lejn l-Ukraina mill-aktar fis; jilqa' l-involviment tal-Konferenza ta' Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tas-Sħubija tal-Lvant;
19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-

RC\1013108MT.doc

PE525.616v01-00 }  
PE525.617v01-00 }  
PE525.618v01-00 }  
PE525.626v01-00 }  
PE525.627v01-00 }  
PE525.628v01-00 } RC1

Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Istati Membri, lill-President tal-Ukraina, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u tal-Federazzjoni Russa, lill-Assemblea Parlamentari Euronest, u lill-Assemblej Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.

RC\1013108MT.doc

PE525.616v01-00 }  
PE525.617v01-00 }  
PE525.618v01-00 }  
PE525.626v01-00 }  
PE525.627v01-00 }  
PE525.628v01-00 } RC1

**MT**